IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 40**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| | |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa item nru 6 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju. Il-Kunsill qabel.**

6.00 ***Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)**

6.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Jannar – Marzu 2015. *Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)
Il-Kunsill innota li għal dan il-kwart kien hemm indikatur pożittiv ta' 11.5% filwaqt li l-indikatur annwali kien 11.5%. Ġie nnotat ukoll li nqabeż il-*budget* f'diversi nefqiet għal dan il-kwart.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

6.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

6.03 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 38**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G38 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 38

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 38** Punti li joħorġu mill-Minuti G 38

2.01 10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra giet mibgħuta lil 'Transport Malta' u l-Kunsill kien ingħata l-informazzjoni mitluba. Għeluq tat-triq tal-Baħrija

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 39**

3.01 Il-minuti tas-seduta numru G39 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 39

**4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 39** Punti li joħorġu mill-Minuti G 39

4.01 Ma hemm l-ebda punti li joħorġu mill-minuti G39.

**5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0580/15** is-Sindku informa l-laqgħa li kien irċieva ilment dwar l-ammont kbir ta' traffiku li kien qiegħed jgħaddi miż-żona ta' Għar Barka minħabba x-xogħolijiet li qegħdin issiru fi Vjal l-Ħaddiem. Huwa qal li dan ir-resident kien qiegħed jilmenta li l-ammont kbir ta' traffiku li qiegħed jgħaddi miż-żona kien qiegħed jikkawża ħsarat lil wiċċ tat-triq. Ilment dwar it-traffiku li qiegħed jgħaddi miż-żona ta' Għar Barka

Għalkemm il-Kunsill huwa konxju tal-fatt li din id-devjazzjoni tat-traffiku hija waħda temporanja sakemm jitlestew ix-xogħolijiet fi Vjal l-Ħaddiem, gie deċizz li dan l-ilment jigi mgħoddi lil 'Transport Malta'.

5.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill ġie mitlub jagħti l-appoġġ tiegħu fir-rigward ta' applikazzjoni quddiem il-Mepa nru PA 02914/14. Applikazzjoni nru PA 02914/14

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma joġġezzjonax għal dan l-applikazzjoni minħabba li dan l-proġett ma jmurx kontra l-iżvilupp fil-lokalita' Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-pagament bin-numru 7614 dovut lill-*Bianchi Travel Ltd.* Hi infurmat il-laqgħa li dan il-pagament kien ser jiġi rifuz lura mill-proġett *Norway Grants 2009-2014* Pagament numru 7614

7.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 246 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 246

**8.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 1 - RLC/T/122/13**

8.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/122/13 għall-Knis Manwali tat-toroq - Żona 1, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq - Żona 1- RLC/T/122/13

**9.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 2 - RLC/T/123/13**

9.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/123/13 għal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 2, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 2- RLC/T/123/13

**10.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 3 - RLC/T/124/13**

10.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/124/13 għall-Knis Manwali tat-toroq- Żona 3, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 3- RLC/T/124/13

**11.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 4 - RLC/T/125/13**

11.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/125/13 għal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 4, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 4- RLC/T/125/13

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-**

**Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) (RLC/T/146/15)

Intefgħu disgħa offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata** |
|---|---|---|
| 1 | Emanuel Ciantar | €17,400 |
| 2 | Premier Cleaning Ltd | €7,900 |
| 3 | Charles Gauci | €13,920 |
| 4 | Euro Clean Waste Services Ltd | €15,972 |
| 5 | George Gatt | €14,500 |
| 6 | Anton Barbara | €21,680 |
| 7 | Christopher Bezzina | €11,900 |
| 8 | Saviour Mifsud | €24,970 |
| 9 | WM Environmental Ltd | €24,255 |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent *Premier Cleaning Ltd* peress li din kienet l-unika l-irħas offerta mitfugħa.

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) (RLC/T/145/15).

Intefgħu għaxar offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata** |
|---|---|---|
| 1 | Emanuel Ciantar | €11,400 |
| 2 | Christopher Bezzina | €7,900 |
| 3 | Mark Barbara | €21,990 |
| 4 | Anton Barbara | €16,300 |
| 5 | WM Environmental Ltd | €17,950 |
| 6 | Saviour Mifsud | €18,500 |
| 7 | Euro Clean Ltd | €12,960 |

| | | |
|---|---|---|
| 8 | Charles Gauci | €9,120 |
| 9 | Mary Carmen Gatt | €6,876 |
| 10 | Premier Cleaning Ltd | €5,900 |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent *Premier Cleaning Ltd* peress li hi l-irħas offerta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 12 tal-aġenda.**

** Il-Kunsillier Andrew Mallia daħal għal-laqgħa fit-8.05 ta' filgħaxija.

**12.00 Għażla tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) – RLC/T/146/15**

12.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat), lill-offerent *Premier Cleaning Ltd* peress li din hi l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. Għażla tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) – RLC/T/146/15

**13.00 Għażla tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) – RLC/T/145/15**

13.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija), lill-offerent *Premier Cleaning Ltd* peress li din hi l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Għażla tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) – RLC/T/145/15

**14.00 Memo 10/2015 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali**

14.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 10/2015 - Skema Kunsilli Lokali b'responsabbiltà ta' Librerija Lokali. Huwa qal li l-Gvern Ċentrali kien ser jerġa' jagħti għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli li għandhom devoluta lilhom librerija lokali jew reġjonali. Liema għajnuna ser tkun ekwivalenti għan-nefqa li ser joħroġ il-Kunsill mill-allokazzjoni tiegħu. Memo 10/2015 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali

Is-Sindku ppropona li n-nefqa mill-allokazzjoni tal-Kunsill għal din l-iskema għandha tkun ta' €300. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.00 Korrispondenza

15.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/0500/15,** riċevuta mill-*Private Secretary/Head of Customer Care* fi ħdan l-*OPM* dwar il-lift fiċ-Ċentru Ċiviku. Huwa qal li l-każ dwar dan il-lift kien diġa ġie diskuss f'seduta tal-Kunsill G19 u l-Kunsill kien ha deċiżjoni li jinforma lid-Dipartiment tal-Artijiet bil-każ. Huwa spjega li l-Kunsill sa llum ma irċieva l-ebda tweġiba mid-Dipartiment tal-Artijiet għajr *acknowledgement* u li uffiċjal mill-istess dipartment kien ikkonferma verbalment mas-SE li d-Dipartiment tal-Artijiet kien ser jieħu l-każ f'idejh.

*Lift* taċ-Ċentru Ċiviku

Għaldaqstant l-Kunsill irrijaferma id-deċizzjoni meħuda f'seduta G19 u ġie deċizz li tintbgħat *reminder* lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-każ

15.02 Is-Sindku nforma l-laqgħa dwar dak li ġie diskuss waqt il-laqgħa li saret mal-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963, dwar l-attivita' li ser titella' minnhom.

Talba Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-attivita' titela bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill u dan billi l-Kunsill jassigura li tinżamm l-indafa fil-lokalita' tul l-jiem tal-attivita'. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B09

16.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B09 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija B09

## 17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B08 u B09

17.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B08 u B09 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Paul Grech ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù B08 u B09

## 18.00 Materji Oħra

18.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi u s-Sindku kienu ilhom numru ta xhur jattendu għal taħrig fuq proġett pilota sabiex jiġu stabbiliti indikaturi ta' *performance* ġodda għall-Kunsilli Lokali Maltin. Sadanittant huma kienu gew mistiedna jattendu għal aktar taħriġ fin-Norveġja bejn il-25 u d-29 ta' Mejju 2015.

*Performance Management Programme – Study visit and training in Norway*

Is-Segretarju Eżekuttiv infumat ukoll li l-ispejjez kollha ħlief għall-assigurazzjoni huma koperti mill-proġett *Norway Grants 2009-2014* u kull ħlas li jista' jsir mill-Kunsill kien se jiġi rifuz lura. L-Kunsill qabel unanimament.

18.02 Is-Sindku nforma l-laqgħa li saret talba minn 'Transport Malta' sabiex żewg *parking bays* fiż-żona tal-Għalqa ta' Kola jinbidlu f'*taxi stands.*

Talba għal *Taxi Stands*

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkonsidra li issiru dawn it-*taxi stand* fi Triq il-Wesgħa tal-Mużew, jekk l-coaches immorru fi Triq l-Infetti hekk kif kien maqbul ma TM u l-operaturi tal-*coaches*.

18.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa il-laqgħa li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ kien beda jiffunzjona u li kien faddal xi ftit postjiet għal żgħażagħ li jixtieq jiffurmaw parti minn dan il-Kunsill. — Kunsill Lokali Żgħażagħ

18.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo talb li jinżabru is-siġar ta' Misraħ San Duminku. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-laqgħa li peress li l-imsemmija s-siġar huma protetti l-Kunsill qiegħed jistenna li jinħareġ il-permess mil-'Mepa' sabiex dawn ikunu jistgħu jinżabru. — Żbir ta' siġar Misraħ San Duminku

18.05 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li terġa tintbgħat *reminder* lil TM dwar l-istat ħażin li tinsab fih Old Żebbuġ Road. Il-Kunsill qabel. — *Reminder* Old Żebbuġ Road

18.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li terġa tintbgħat *reminder* dwar ix-xelter tal-ġwerra li jinsab mitluq li fi Triq Ħad-Dingli k/m Triq San Luqa. Il-Kunsill qabel. — Xelter fi Triq Ħad-Dingli

18.07 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Segretarju Parlamentari Ian Borg għall-inizjattiva li ha sabiex jinbeda l-proġett fuq ir-*roundabout* ta' Għajn Qajjet. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ringrazzjament lis-Segretarju Parlamentari Ian Borg

## 19.00 Data tas-seduta li jmiss

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. — Data tas-seduta li jmiss

19.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**